

31986R2915

L 272/4

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

24.9.1986

**IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KEE) Nru 2915/86****tas-16 ta' Settembru 1986****li jistabbilixxi dispożizzjonijiet soċjo-strutturali applikabli għall-agrikoltura fil-gżejjer Kanarji**

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jwaqqaf il-Komunità Ekonomika Ewropea,

Wara li kkunsidra l-Att ta' l-Adeżjoni ta' Spanja u l-Portugall, u partikolarment l-Artikolu 25(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Billi t-territorju kollu tal-Gżejjer Kanarji jista' jiġi kkunsidrat bħala żona anqas ixxurtjata fejn ostakoli permanenti u serji jfixklu l-agrikoltura;

Billi l-istrutturi agrikoli fil-Gżejjer Kanarji huma wkoll partikolarment inadegwati;

Billi l-miżuri soċjo-strutturali li fil-preżent jgħoddu għar-reġjuni kollha, u għal dawn iż-żoni anqas ixxurtjati fil-Komunità in partikolari, għandhom għalhekk jiġu estiżi biex ikopru l-Gżejjer Kanarji, biex jgħinu fl-iżvilupp ta' l-istrutturi agrikoli ta' dan ir-reġjun;

Billi, madankollu, id-Deċiżjoni tal-Kunsill imsemmija fl-Artikolu 155 ta' l-Att ta' l-Adeżjoni hija meħtieġa biex tiddetermina jekk il-prodotti tas-sajd għandhomx ikunu koperti mir-Regolament tal-Kunsill Nru 355/77 tal-15 ta' Frar 1977 dwar il-miżuri komuni għat-titjib tal-kundizzjonijiet li taħtom il-prodotti ta' l-agrikoltura u s-sajd jiġi pproċessati u *marketed* <sup>(1)</sup> kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KEE) Nru 3827/85 <sup>(2)</sup>

Billi l-applikazzjoni għall-Gżejjer Kanarji tal-miżuri soċjo-strutturali fuq imsemmija hija kompatibbli ma' l-għanijiet ġenerali tal-politka agrikola komuni,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

1. Il-miżuri komuni mdaħħla mir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 797/85 tat-12 ta' Marzu 1985 fuq it-titjib fl-effiċjenza ta' l-istrutturi agrikoli <sup>(3)</sup>, ir-Regolament (KEE) Nru 355/77 u r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1360/78 tad-19 ta' Ġunju 1978 dwar il-gruppi produtturi u l-assoċjazzjonijiet tagħhom <sup>(4)</sup>, għandhom jgħoddu għall-Gżejjer Kanarji.

2. Il-paragrafu 1 m'għandux jimplika li l-miżura komuni mdaħħla mir-Regolament (KEE) Nru 355/77 għandha tgħodd għall-prodotti tas-sajd.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Dan għandu jgħodd b'effett mill-1 ta' Jannar 1986.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fis-16 ta' Settembru 1986.

*Għall-Kunsill**Il-President*

M. JOPLING

<sup>(1)</sup> ĠU L 51, tat-23.2.1977, p. 1.

<sup>(2)</sup> ĠU L 372, tal-31.12.1985, p. 1.

<sup>(3)</sup> ĠU L 93, tat-30.3.1985, p. 1.

<sup>(4)</sup> ĠU L 166, tat-23.6.1978, p. 1.